MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 335/2015/1

**Josephine Azzopardi (179376(M)), f'isimha proprju kif ukoll bhala prokuratrici ta' l-imsiefra Anna Maria Saddemi (349460(M)), Patricia Anastasi (198063(M)), u Greta Bartolo Parnis (331365(M))**

**vs**

**Carmelo (ID 48845 (M)) u Yvonne (ID 4395 (A) Borg**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat is-26 ta' Frar, 2015;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll is-26 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur:

2.1. Akkoljiet provvizorjament it-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* fuq indikati;

2.2. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti ghar-risposta; u

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza u fil-hin hemm indikat, (ara fol 1 u 5);

3. Rat ir-risposta ta' l-intimati datata s-27 ta' Frar, 2015;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi permezz ta' l-imsemmi rikors promotur ir-rikorrenti *proprio et nomine* sintetikament elenkat il-pretensjonijiet taghha bil-mod segwenti:

5.1. Illi l-mandat *de quo* minnha inoltrat qieghed jintalab biex l-intimati jinzammu milli b'xi mod ibieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos*, b'titolu oneruz,

jew gratuwitament il-garaxxijiet numru 4 u 6, Triq il-Karmelitani, San Giljan;

5.2. Illi in tutela ta' l-istess drittijiet pretizi, l-imsemmija rikorrenti *proprio et nomine* gia` pprocediet kontra l-intimati konjugi Borg permezz ta' kawza fl-istess ismijiet Rikors Numru 35/07 u permezz ta' kawza ohra fl-istess ismijiet ipprezentata kontestwalment mal-mandat odjern intiza biex:

5.2.1. Tizgombra lill-intimati mill-appartament 47D, *St Julians Court*, Triq is-Sur Fons, San Giljan;

5.2.2. Ghad-danni konsegwenti ghall-okkupazzjoni leziva d-drittijiet tar-rikorrenti involuti da parti ta' l-intimati;

5.3. Illi l-azzjoni odjerna hi ghalhekk intiza biex ir-rikorrenti *proprio et nomine* tikkawtela il-pretenzjonijiet taghhom fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi min-naha taghhom l-intimati jsostnu sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi *stante* li l-bazi ta' l-azzjoni tar-rikorrenti hi bbazata fuq il-premessa erronea t'okkupazzjoni illegali ta' l-intimati, il-mandat *de* quo ghandu jigi respint;

6.2. Illi l-intimati qed jokkupaw il-fond in dizamina taht titolu validu fil-ligi kif gia` kkonfermat b'sentenza fil-kawza Rikors Numru 35/07;

6.3. Illi l-precitata kawza ghadha m'ghaddietx in gudikat *stante* li hi pendenti l-appell;

6.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tas-suespost, analizi tal-vertenza odjerna jirrileva sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi r-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna hi determinta mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li tali procedura hi specifikament intiza biex izzomm persuna milli taghmel xi haga – tkun li tkun – li tista` tkun ta' pregudizzju, u allura ta' hsara immedjata, lil dik il-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

7.3. Illi ghalhekk hu impellenti li biex tali mandat ikun jista` jinhareg skont il-ligi, il-parti lanjanti ghandha tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-istess artiklu tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq riferiti, senjatament:

7.3.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu tutelati d-drittijiet minnha legittimament vantati;

7.3.2. Illi jrid ukoll jigi assodat li r-rikorrenti involut irid ikollu ta' l-anqas dawk id-drittijiet minnu pretizi f'livell ta' *prima facie;*

Ikkunsidrat:

8.0. Illi analizi tal-fatti kif rizultanti mill-atti processwali u kif karpiti mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fis-smiegh appozitament stabbilit fir-rigward, iwassal ghas-segwenti delineazzjoni sintetika tal-fatti;

8.1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-proprjeta` prezentement okkupata mill-intimati;

8.2. Illi l-istess rikorrenti qed jittentaw jizgumbraw lill-istess intimati mill-appartament involut u qed jallegaw li dawn qed jokkupaw l-istess b'mod illegittimu;

8.3. Illi min-naha taghhom l-intimati qed jopponu tali allegazzjoni;

8.4. Illi prezentement il-kontendenti fuq indikati qeghdin jikkontestaw lil xulxin fil-*forum* gudizzjarju opportun;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghalhekk jirrizulta li fil-mument prezenti ir-rikorrenti ghandhom drittijiet *in prima* facie li effettivament qed jistriehu fuqhom fi proceduri appoziti fil-qrati;

10. Illi ghalhekk il-precett rikjest mill-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit hu sodisfatt – ta’ l-anqas fil-livell ta’ *prima facie* – li hu l-limitu tal-procedura odjerna;

11. Illi ghalhekk hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti li l-fatti kif elenkati huma bizzejjed biex id-drittijiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* fil-konfront ta’ l-intimati jattiraw dik it-tutela u protezzjoni statutorjament rikjesta;

DECIDE:

12.0. Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti *proprio et nomine* ippruvat it-talbiet taghha skond il-ligi, u konsegwentement:

12.1. Filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

12.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

12.3. Tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat is-26 ta' Frar, 2015, b'mod li issa l-mandat t'inibizzjoni in dizamina jinhareg b'mod permanenti;

12.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati konjugi Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------